# KULLEĠĠ SAN NIKOLA
# L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU
# Frar 2013

| Ir-Raba' Sena | Il-Malti (Il-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

**L-Isem u l-Kunjom:** ____________________ **Il-Klassi:** _______

__________________________________________________________

| | |
|---|---|
| **Il-Qari u l-Kitba** | |
| **Il-marki għat-taqsima** | **60 marka** |
| **Il-marki tal-istudent/a** | |

**Għall-istudent/a**
**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek u kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



*Aqra sew din is-silta :* **<u>Il-Ballun tal-Futbol</u>**

Roderick kien tifel rasu iebsa. It-twissijiet tal-ġenituri kienu jidħlu minn widna u joħorġu mill-oħra. B'hekk, kien ta' spiss jiġi fl-inkwiet. ***(par.1)***

Darba, ħareġ jilgħab il-futbol ma' sħabu, f'għalqa ftit 'il bogħod mid-dar. Waqt il-logħba, sieħbu xxuttja ħażin il-ballun u xeħtu fl-għalqa ta' Nikol il-bidwi – għalqa li kienet maħduma! Nikol, li kien ilu żmien twil jissaporti lit-tfal, kien widdibhom biex ma jidħlulux aktar fl-għalqa. ***(par.2)***

Iżda Roderick xorta qabeż il-ħajt tas-sejjieħ u għaffeġ fl-għalqa. Qatt ma kien ser iċedi l-ballun l-aħmar li tant kien għal qalbu! Hekk kif kien fi triqtu lura, lemaħ il-kelb ta' Nikol - kelb kbir iswed, jiġri lejh b'kemm kellu saħħa. Roderick beża' u ħaffef il-pass sabiex jilħaq jaqbeż iċ-ċint. ***(par.3)***



Ġara li bil-fixla, hu ggranfa mal-ħajt u ġibed ġebla għal fuqu. Roderick malajr sab ruħu mal-art. Il-kelb kien se jaqbeż fuq Roderick meta minn imkien, tfaċċa tifel liebes kollu l-abjad. Dan it-tifel fetaħ idejh u beda jkellem lill-kelb bil-ħlewwa. Il-kelb inħasad u wara ftit, raqqad widnejh u kkallma. ***(par.4)***

Iżda Nikol kien mitluf bir-rabja u beda jgħajjat mat-tifel liebes l-abjad. Dan it-tfajjel malajr waqqfu u fiehmu li Roderick kien għadu mal-art, stordut. Nikol, li sa dak il-ħin ma kienx intebaħ b'Roderick, mar ixarrab il-maktur fil-ġiebja sabiex ixarrablu wiċċu bih. ***(par.5)***

Sakemm Roderick ġie f'sensih, it-tifel liebes l-abjad beda jgħin lil Nikol jerġa' jibni l-ħajt tas-sejjieħ. Ftit wara, Roderick ħalla l-għalqa flimkien ma' sħabu. Qabel telqu, irringrazzjaw lit-tifel li kien għenhom u skużaw ruħhom ma' Nikol. Huma wegħduh li ma kinux se jerġgħu jgħaffġulu fl-għalqa. ***(par.6)***

**(addattata minn *L-Avventuri ta' Roderick u Gridoro* ta' Carmel G.Cauchi)**

| Taqsima A | Il-Qari | (30 marka) |
|---|---|---|



Aqra l-istorja ***Il-Ballun tal-Futbol*** u wieġeb.

**1. Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba. L-ewwel waħda lesta.** **(3 marki)**

| | | Iva | Le |
|---|---|---|---|
| **a.** | Roderick kien dejjem jobdi lill-ġenituri tiegħu. | | ✓ |
| **b.** | It-tfal ixxuttjaw il-ballun fl-għalqa biex jinku lil Nikol. | | |
| **ċ.** | It-tifel liebes l-abjad għen lil Roderick joħroġ minn ħafna nkwiet. | | |
| **d.** | Nikol ħafer lil Roderick. | | |

**2. Immarka t-tweġiba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.** **(3 marki)**
**L-ewwel waħda lesta.**

**a)** Roderick ta' spiss kien jilgħab il-futbol ma' sħabu

| | |
|---|---|
| | fil-grawnd tal-futbol mhux bogħod mid-dar. |
| | fit-triq fejn kienu joqogħdu. |
| ✓ | f'għalqa qrib id-dar. |

**b)** Roderick ma kienx ser iħalli l-ballun fl-għalqa għax

| | |
|---|---|
| | kien tahulu nannuh f'għeluq sninu. |
| | kien wisq għal qalbu. |
| | ried jisfida lil Nikol il-bidwi. |

**ċ)** Nikol il-bidwi tgħidx kemm għajjat

| | |
|---|---|
| | mat-tifel liebes l-abjad. |
| | mal-kelb tiegħu. |
| | ma' Roderick u sħabu. |

**d)** Roderick u sħabu

| | |
|---|---|
| | ħarbu mill-għalqa mingħajr ma qalu xejn lil Nikol. |
| | skużaw ruħhom ma' Nikol għall-imġiba tagħhom. |
| | ftiehmu li jerġgħu jmorru fl-għalqa. |

**3. Wieġeb billi tfittex it-tweġiba fl-istorja.**

**a)** Għaliex Nikol ma riedx li t-tfal jidħlulu fl-għalqa tiegħu? ***(par. 2)***

________________________________________________________

__________________________________________________ **(2 marki)**

**b)** X'għamel Roderick biex jaħrab lill-kelb ? X'ġara wara? ***(par. 4)***

________________________________________________________

__________________________________________________ **(2 marki)**

**ċ)** Kif nafu li l-kelb tal-bidwi ma baqax feroċi? ***(par. 4)***



______________________________________________

________________________________________ **(2 marki)**

**4. Agħti fi kliemek it-tifsir ta' dan il-kliem/espressjonijiet:** **(4 marki)**

| | **Kliem mill-istorja** | **Tifsira** |
|---|---|---|
| a. | ***jidħlu minn widna u joħorġu mill-oħra. (par.1)*** | |
| b. | ***kien għal qalbu (par.3)*** | |

**5**. Minn **paragrafu 1** sib l-espressjoni li turi li Roderick kien tifel li ma tbiddillux fehmtu malajr. ______________________ **(2 marki)**

**6**. Minn **paragrafu 5** sib kelma li tfisser: **(2 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| a) | induna | |
| b) | post fejn jinġabar l-ilma | |

**7. Imla l-vojt skont x'jitolbok fil-kolonna tal-ġenb. L-ewwel waħda lesta.** **(10 marki)**



| | | |
|---|---|---|
| **a.** | L-għalliem staqsa, "Ta' min hu ***dan*** il-ktieb?" | **Pronom Dimostrattiv** |
| **b.** | L-istudent qiegħed il- __________ fil-basket. | **Il-Plural** ta' *pitazz* |
| **ċ.** | Għandi kamra tas-sodda __________. | Ikteb **Aġġettiv** xieraq. |
| **d.** | Ix-xufier weġġa' u ttieħed __________ sptar. | Ikteb **l-Artiklu**. |
| **e.** | Marija dejjem __________ fil-ħin għall-iskola. | **L-Imperfett/Il-Preżent** ta' *qam* |
| **f.** | Il-familja tiegħi tgħix fi Triq __________. | Ikteb **Nom Proprju.** |
| **ġ.** | In-nanna rat __________ nies għand tal-ħaxix. | **Kelma waħda** għal *ħafna nies* |
| **g.** | Id-dentist wissa lit-tfal, " __________ snienkom nodfa biex jibqgħu b'saħħithom." | **L-Imperattiv/Il-Kmand** tal-Verb ***żamm*** |
| **għ.** | Mort nixtri l-pilloli mingħand l-__________. | **Ibigħ il-mediċina.** |
| **h.** | It-tifel kellu l-qalziet __________. | **Il-Kontra** ta' *nadif* |
| **ħ.** | Il-bidwi xtara xkora __________ għall-fniek. | ***ġwież*** jew ***ġwies***? |

| Taqsima B | Il-Kitba | (30 marka) |
|---|---|---|

1. **Ikteb messaġġ ta' ringrazzjament lin-nanniet tiegħek għar-rigal li tawk f'għeluq sninek. Tiktibx aktar minn 30 kelma.** **(5 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________



2. **Ikteb ittra qasira biex tiskuża ruħek mal-ħabib/a tiegħek għal xi ħaġa ħażina li għamilt lilu/lilha. Tiktibx aktar minn 30 kelma.** **(5 marki)**

Għażiż/a __________,

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

Dejjem Tiegħek,

_______________

**3. Ikteb paragrafu ta' mhux anqas minn GĦAXAR SENTENZI dwar <u>WIEĦED</u> minn dawn it-titli.** **(20 marka)**

**a. Fi triqti lejn l-iskola.**
Ikteb dwar x'rajt fit-triq, ma' min iltqajt u x'ġara.

**b. Immaġina li int siġra fi ġnien pubbliku.**
*Iddeskrivi lilek innifsek u fejn tinsab. Ikteb ukoll dwar dak li tara madwarek ta' kuljum. Irrakkonta xi ġrajja li mhu ħa tinsa qatt.*



**ċ. Fl-aħħar tal-ġimgħa.**
*Kif tħossok meta jasal il-Ġimgħa filgħaxija? Għid x'tagħmel is-Sibt u l-Ħadd u għaliex tħobbhom jew le.*

**d. Il-Kummiedja.**
*Ħares lejn l-istampi u ikteb storja biex tirrakkonta x'ġara.*



**Uża dan l-ispazju biex tagħmel il-pjan għall-kitba tiegħek.**
**(bla marki)**

**Komponiment: ______ (Ikteb a, b, ċ jew d)**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________



**TMIEM IL-KARTA**